# IN-NAHLA

TA

AUGUSTIN LEVANZIN

RIVISTA PERIODICA ANGLO-MALTIA

BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

**Ille tulit punctum qui miscuit utile dulci.**

*Gieba żewġ dac li għaraf ħallat il ħelu mal meħtieġ.*

IL POETA LATIN ORAZIU.

182 — IR-RABA SENA — SOLD BISS.



DIRETTUR-PROPRIETARIU
PROF. AUGUSTIN LEVANZIN, B.A., D.PH., LL.B., D.PS., CH.F.
60, It-Triek tal Loġġa, Raħal Ġdid, Malta.

MANAGER U CAXXIER: CARMNU CONSIGLIO
48, It-Triek ta Sant'Anton, il Birgu.



ABBONAMENT: Għandna, għand is-Sur Ġanni Muscat, Strada Mercanti, u għand il Libreria Critien, Strada Reale, il Belt.

HLAS:—*Erba xelini cull tnejn u ħamsin numru; żewġ xelini cull sitta u għoxrin numru; xelin cull tlittax in-numru, bil kuddiem, posta barrania. Numru ta kabel żewġ soldi. Tistgħu tibagħtu bħala ħlas bolli tat-tlieta. Ma nibagħtu ir-rivista lil ħadd jeec ma jħallasx bil kuddiem u il posta ucoll.*


## IT-TILKIM TAL GIDRI

ù wihed mil acbar delitti li katt iccommettew irwiehhom contra is-sahha u il gid tal bniedem. Dana ma ùx haġohra hlief li tabib għall vili interess jimla u iniġġeż id-demm safi ta tarbia innocenti bl'aghar kżież li jista jinholok – il mard venereu — is-sifilide modificata attravers id-demm ta animal, iżda sifilide l'istess. Dana ma inix noholku minn żniedi jen iżda sejjer nipprovaulcom bl'acbar autorità tal Medicina u tax-Xienza tad-dinja coll'a. Jecc xi tabib irid jicconfutani jew jiccontradicini jena niftahlu il pagini tan-NAHLA berah, biss mux bil cliem u il fehma tigħu, iżda bil fatti, bli statistica u bl'opinioni tal akwa autorità li tassew jifmu f'din il question tant important u li ma għandom l'ebda interess li jkarrku bil poplu għar-regħba mokżieża tal flus.

Il "Mogħdia taż-Żmien" f'wihed mil cotba tahha li għall giehna harġu biex igħallmu il poplu għall gid tigħu emm capitolu shih favur it-tilkim tal gidri, innu l'actar infami għall dana id-delitt wahxi li gia chexchex il coxienza tan-nazioni l'imdawlin u li għalecc gia nehhew it-tilkim obligatoriu bhal ma ì l'Ingħilterra u il biċċa il cbira ta li Stati Uniti.

Il "Malti" ta ftit xur ilu, ir-rivista għal taparsi mahruġa mil "Ghakda tal Chittieba Maltin" biex issewi l'ortografy-a maltia serva ta xemgħa lil xi tabib li għax jaf li ghideb biex ikarrak bil poplu heba viljaccament ismu bieX hareġ u xandar il propaganda venali tat-tobba mgewhin favur it-tilkim tal gidri — haġa li fil "Malti" ma chien emm xejn loca hlief biex igħinu lit-tobba jagħmlu Stragi ohra tal Innocenti billi jniġġżu demm it-trabi safjin tagħna u li tant inhobbu u ingħożżu bl'actar mard mokżież u degradanti.

Il "Chronicle" ftit ġmigħi ilu chellu ucoll articolett favur it-tilkim tal gidri. Billi id-direttur ma jifemx fil medicina u billi actarx ried jagħmel favur lil xi hbieb tobba abbonati tigħu biex iħaxcnu bwietom minn fuk demm il povru poplu agħma u sfruttat, serva ucoll ta xemgħa bla ma intebah bil hsara cbira li chien kiegħed jagħmel. Għaleec jena inħossni nonkos minn dmiri ta giornalista onest u ta veru habib tal poplu jecc jena ma nifthilcomx għajnejcom u nsemmagħcom il kampiena l'ohra, dic tal verità, halli tintebhu darba għall dejjem x'ligi infami wahhlulna dawna it-tobba ilhah u sanghisughi biex iħaxcnu bwietom il mokżieża bi hsara cbira tal actar haġa għażiża li għandu il poplu, sahhtu.

Id-disgrazia ta Malta chienet dejjem u għada sal-lum li li Stampa tagħna chienet u għada, b'eccezion wisk żgħira, mibjuha jew alleata mal classi tal professionisti-parassitarii biex approfittaw irwihhom mil għama icreh li hallew fih apposta il poplu biex sfruttawh u redgħulu demmu u flusu b'mod l'actar mokżież.

Jena għaldakstant sejjer nibda ingib dawna il fehmiet ta bosta mil akwa autorità tad-dinja, u sejjer l'ewwel ingibom chelma b'chelma chif harġu mil pinna indinjata ta dawn in-nies ta kalb hanina u ta coxienza onesta halli hadd ma jgħid li jen għawiġtom u halli jakrawhom il capiet tal Gvern tagħna ucoll, u mbagħad actar il kuddiem infissirom bil malti għall poplu halli dana jifem chemm ì infami u chiefra dina il-lligi u jitlob, bil mezzi legali coll'a, it-tneħhia tahha mil actar fis.

Naf gia li bosta jerġgħu jcianfruni fuk il linguagg jebes tigħi. Delitti sociali bhal dawn li jirrovinaw is-sahha tal ulied mahbuba tagħna bil mard mokżież u avvilenti li tant inwidbuhom jahirbu minnu ma jimmeritahomx cliem iehor hlief, bhal ma jgħid Emerson, jebes daks il balal tal canuni: "*Let your words be as hard as canon-balls!*"

## THE CRIME OF VACCINATION

*"Strike blows at wrongers of the world"*—Tennyson.

1. "Writing of the plague which scourged Rome in the second century, A.D., Dion Cassius, the Roman historian, relates, "Many died in another way, thru the practice of miscreants who, on being paid for it, communicated by small poisoned needles the horrid infection so extensively that no computation could be made of the number that perished. Our chronicles may describe in similar language the vaccinators who, by small poisoned bonepoints, are spreading disease broadcast and sending to untimely grave thousands of innocent children". - DR. J. W. HODGE, M.D., Niagara Falls, N.Y. (U.S.A.)

2, "Compulsory vaccination I detest and voluntary vaccination I disapprove",- HERBERT SPENCER (The Life and Letters, p. 303) The Great Philosopher.

3. "I know that in no work I have written have I presented so clear and so conclusive a demonstration of the fallacy of a popular belief as is given in this work, which was entitled Vaccination a Delusion; Its Penal Enforcement a Crime, proved by the Official Evidence in the Reports of the Royal Commission". This was included in the second part of my "Wonderful Century", published jn June, 1898, and was also published separately in the pamphlet form as it continues to be; and I feel sure that the time is not far distant when this will be held to be one of the most important and most truly scientific of my works".—ALFRED RUSSELL WALLACE, the co-discoverer, with Darwin, of Evolution, (My Life, p. 333.)

4. "If we wait until the consciousness of the greater part of the medical faculty shall constrain them in honesty to the people to abandon their money making imposition, we shall have to wait until there is a new heaven and a new earth wherein dwelleth righteousness."—C. F. NICHOLS, Boston, Mass. ("The Outrage Vaccination).

5. "Every student of history is aware that traditions die hard. Even a limited acquaintance with human nature reveals the fact that there are few poople who care to have their cherished views disturbed. We are, however, convinced that those who are open-minded enough to study the subject impartially will come to the conclusion that the disease and loss of life caused to human beings by vaccination, form a sufficient reason (apart from the inoculation of the calf) why the practice should be avoided AND ITS COMPULSORY ENFORCEMENT DENOUNCED AS CRIME! Those who are disposed to look upon it leniently should examine the claims of its discoverer to be considered as an authority. Dr. Charles Creighton, the foremost epidemologist of our time, wrote of Edward Jenner that he was vain, petulant, crafty and greedy, and had more of grandiloquence and bounce than solid attainment. Those who will read the story of the career of Jenner, and learn the true character of the source whence vaccination came will perhaps feel inclined to look further into the facts before citing the lesser prevalence of small-pox as conclusive evidence of the success of Jenner's prophylactic. As a medical man I assert that vaccination is an insult to common sense; that it is superstitious in its origin; unsatisfactory in theory and practice; and useless and dangerous in its character." - WALTER R. HADWEN, M.D., L.R.C.P., L.S.A., of Gloucester, England. "Was Jenner a Charlatan? in the Individualist, Oct. 1908).

6. "The German Vaccine Commission reported 750 persons syphilized between 1880 and 1884, and OUTBREAKS OF SYPHILIS DUE TO VACCINATION (as well as leprosy, erysipelas and glandular blood-poisoning) Whenever the sores produced on cow or vaccinated child are effective sores says DR. HUBERT BOENS, of Charleroi, Belgium, the cow was found to have been attended by a groom having syphilitic sores on his hands. SIR THOMAS WATSON wrote: I can readily sympathise with, and even applaud a father who with the presumed dread of misgiving in his mind, is willing to submit to multiplied judicial penalties rather than expose his child to the risk of an infection so ghastly".—"THE NINETEENTH CENTURY, vol III, p. 1806, June 1878).

7. "The real affinity of cow-pox is not to the small-pox, but to the great-pox, (syphilis)"—DR. CH. CREIGHTON, recognised in Encyclopedia Britannica to be the world's ablest authority on vaccination.

8. "Think of it! mothers and fathers who would bring up your daughters comely, chaste and pure, that your state or municipality should place you under absolute compulsion to taint these maidens with the disease against which civilisation revolts", - J. M. PEEBLES, A.M., PH.D, M.D., (Vaccination is a Crime) An old friend of mine in Los Angeles.

9. "Continue gentlemen, to vaccinate if you choose, and because you make money by it, but never forget, pseudo-scientists and false physicians that you are, that while you sow vaccine among the people they reap the pox (syphilis).—DR. HUBERT BOENS of Charleroi, Belgium.

10. "A real and serious danger incurred in vaccination is that every individual is destined to undergo, one or several times in his life, the danger of vaccinal syphills"- PROF. FOURNIER of Paris.

11. "Vaccination at the Hawaiian Islands has not only failed its purpose since 1864, but has resulted in the rapid and extensive spread of SYPHILIS, LEPROSY, and other diseases". DR. BRIGHAM, M.D., director of the famous Museum of Natural History at Honolulu, an eminent writer and one of my best friends.

12. "The Great-Pox (Syphilis) appeared in frightful form throughout Europe at the end of the sixteenth Century, with hideous eruptions, gland abscesses, destruction of tissues to the bone, and death or life-long suffering. This disease is still present in every community, often progressing beyond medical control. Incurred solely thru exposure to the syphilitic poison, when once established it is a life-long disfigurement and shame. Great-Pox was followed in after years by small-pox, a disorder comparatively so moderate in danger and disfigurement that it thus gained the milder appellation. A name, however which was given ignorantly and inapplicably, for small-pox (variola) has no kinship with syphilis the lifelong. Small-pox is an eruptive fever; after running its course it leaves the body. Modernly treated this malady seldom brings death or disfigurement, nor more of contagion than measles or scarlet fever. Compared with Syphilis the smaller disease constantly grows less to be feared.—DR. CHARLES FESSENDEN NICHOLS, M.D., Boston, Mass.

13. 'For over forty years, vaccination in its effort to protect from small-pox has been officially suspected of implanting the sores (chancres) of the great-pox (syphilis). If syphilis is thus transmitted, vaccination must altogerher cease."—DR. RICORD of Paris, whose authority in medical science is unquestioned. In 1863 Ricord accepted reluctantly and with repugnance the evidence which established the truth of the accusation, and "it is now acknowledged that every effective vaccination take, which of necessity begins with a sore closely resembling a syphilitic sore, or chancre, is, as in syphilis, liable to be followed by lifelong eruptions, loathsome ulcers, destruction by decay of the bones of the nose, etc., paralysis and cerebral and spinal disturbances typical of no other poison but that of syphilis. This is however, but little more than the verification of fears felt in Jenner's time and handed along thru a century of clinical experience, until the abuse smells to heaven and the highest of our authorities report that it is impossible to make an effective vaccination save from material infected either by human small-pox itself or by Syphilis". In France, to Dr. Ricord's testimony is added that of DR. TROUSSEAU, of DR. AUZEAS TURENNE and of PROF. FOURNIER, who hold that vaccination can produce no characteristic sore, save from a syphilitic-poisoned quill.

14. "Our State Boards of Health compel by law the universal Infection of the material above described. In addition to its probable contents of Syphilis, thousands of painful deaths caused by vaccination are now officially recorded from year to year, with the addresses of the patients and physicians. Samples of the vaccine material supplied by health-boards and dealers are shown by rival distributors to be loaded with unspeakable filth, for effective vaccine virus cannot be pure and the best endorsed glycerinated lymph is found to contain millions of colonies of bacteria."—DR. L. BADGER (U.S.A.)

15. DR. CHARLES CREIGHTON, the greatest epidemologist in the world and considered by the Encyclopedia Britannica as the greatest authority on vaccination, testified before the British Royal Commission on Vaccination, when asked whether in his opinion vaccination affords any protection against small-pox: "IN MY OPINION IT AFFORDS NONE". (Second Report, minutes of Evidence, Q,5430, p, 179).

16. "Inoculation of Cow Pox does not have the least effect in affording immunity from the analogous disease in man, Syphilis,

and neither do Cow-Pox, Horse-Pox, Sheep-Pox, Cattle-Plague, or any other radically dissimilar disease exercise any specific protective power against Hnman Small-Pox"— EDGAR M. CROOKSHANK, M.B., Prof. of Comparative Pathology and Bacteriology in King's College, London. (History and Pathology of Vaccination, vol I, p. 464.)

17. "PROF. CROOKSHANK testified before the Royal British Commission on Vaccination (Q. II. 119) that we have no known test by which we could possibly distinguish between a lymph which was harmless and one which might be harmful to the extent of communicating Syphilis, and (Q II, 126) that he did not know of any kind of test of any character whatever which he could apply to a lymph tube which would enable him to accertain that it was harmful to the extent of communicating Syphilis". (FOURTH REPORT, Minutes of Evidence, p, 51.)

18. "I still maintain there is no scientific support for what is generally understood by vaccination, and that the practice is destined in more enlightened times to fall into desuetude"—DR. CROOKSHANK in the LANCET.

19. SIR WILLIAM J. COLLINS, M.D, and MR. PICTON have shown that symptoms indistinguishable from those of Syphilis and which have been hitherto regarded as characteristic and diagnostic have arisen when vaccination has been performed with matter derived from the Calf. (BRITISH ROYAL COMMISSION ON VACCINATION, FINAL REPORT, p, 201. Statement of Grounds of Dissent, paragraph 213).

20. "I can produce children of three different families, where scrofula was never heard of till they were vaccinated, but those necks are now a sad sight to see"—T. MACKENZIE, M.D, F.R.C.P. Edinburgh.

21. Dr. Jenner's eldest son Edward, when a year and a half old was inoculated with swine-pox matter...other members of his family were afterwards operated on in the same way and THEY ALL DIED OF CONSUMPTION!" DR. W. J, COLLINS, M.D, L.R.C.P., M.R.C.S., L,M,

22, "After such contamination you can never hope to regain the former purity of the body. Thus tainted the body is made liable to hosts of ailments, CONSUMPTION FOLLOWS IN THE FOOTSTEPS OF VACCINATION AS CERTAINLY AS EFFECT FOLLOWS CAUSE". DR, ALEXANDER WILDER of Newark, New Jersey,

23, "Vaccination has stood for nearly one hundred years on three legs: theory; practice and profits. Now it is fast tottering to fall. The English know more of it than any other people. There it started, there it has been tested and studied, and there it is falling into desuetude". DR. E. B. FOOTE, JR, N, Y. City.

24. "Ordinary vaccinia, the name given by the vaccinists to the disease produced by vaccination, is a more severe disease than ordinary small pox, Severe vaccinia is a much more severe disease than severe small-pox, and ofter lasts throughout the life of the patient. Fatal small-pox is less to be dreaded than fatal vaccinia, because it is less painful and less lingering. John Pfaender, a child of sturdy Swiss parents was healthy until vaccinated, as were also his four brothers and sisters. He walked at the age of 9 months, He was vaccinated by the official vaccinator. Eight days later his feet began to swell, abscesses formed, his teeth began to rot, his glands to swell. Fistulous sores appeared on his hands and feet. When six years old he could neither walk nor stand; several of the bones of his hands had rotten out. It was such a case like this and the spirit of liberty, not yet dead in Switzerland, which led that freedom-loving people to reject on a Referendum the infamous system of blood-poisoning ycleped vaccination, which a medical clique was seeking to impose upon them. When will the good sense, parental affection and love of liberty of Americans rise to the level of that of the brave burghers of Switzerland ? There are thousands of such cases in this doctor—ridden land."—M. R. LEVERSON M. D, of New York.

25. DR. ROBERT HALL BAKEWELL, Former Vaccinator General of the Island of Trinidad says: "that he was led to fear that in some instances wholesale vaccinations and revaccinations at the commencement of an epidemic have spread small-pox among those who remained unvaccinated." Again that "he found a remote part of the island was entirely free from small-pox until an energetic vaccinator, newly appointed, vaccinated upwards of a hundred in the course of three or four weeks. Small-pox then broke out." (PORTER F. COPE in "The Healthy Life", Scranton, Pa.)

26. "Vaccination has increased the agony and illness of the world. Good health alone gives immunity."—ELMER LEE, M.D., Editor "Health Culture", New York.

27. "If this state of things continues much longer, with the anti-vaccinationists as active as they are, the medical profession will become the laughing-stock of the world"—GEORGE STARR WHITE, M.D, Los Angeles, California ("A Lecture Course to Physicians").

28. "The Anti-Vaccinists have knocked the bottom out of a grotesque superstition"—CHARLES CREIGTHON M.D., London, England, the great epidemologist in the "Ninth Edition of the Encyclopedia Britannica".

22. "The Foot-and-Mouth Disease, which cost the United States Government over 450,000 dollars, was caused by vaccine virus"—U. S. AGRICULTURAL REPORT.

30. "Vaccination is the most outrageous insult that can be offered to any pure-minded man or woman. It is the boldest and most impious attempt to mar the work of God that has been attempted for ages. They have no more right to poison your little ones by vaccination than they have to cut your throat". E. M. RIPLEY, M D. Unionville, Conn. U.S.A.

31. "Compulsory medication of any description is abhorrent to men of sound mind and indipendent thought."—THOMAS MULLIGAN, M.D., New Britain, Conn. U.S.A.

32. "Vaccination is useless as a preventive of small-pox or any other filth manifestation: for small-pox is a filth expression of filth illness which follows closely upon flagrant violation of the laws of Hygiene and sanitation. Give the human race clean water, unadulterated food, sanitary and modern lavatories, bath-tubs as well as good sewage and you can say "good-bye" to small-pox, typhoid fever and the other fellows that usually chum together." SIMON LEWIS KATZOFF, M.D.M.A., Ph. D., author of "Timely Truths about Health".

33. "Every human being can be protected from small-pox or any illness if he has sufficient fresh air, sunshine, wholesome work, good food and interest in life; these give genuine immunity." F. W. HINCKLEY, M.D., Waterbury, Conn. U.S.A.

34. "Vaccination is a wonderful good thing—to keep doctors treating the after effects." S. H, HOLMES, M. D, Jewett City, Conn. U.S.A.

35. "Compulsory Vaccination ranks with human slavery and religious persecution, and is one of the most flagrant infringements on the rights of the human race."—J. ALLEN, M. D, Norwich, Conn. U.S.A.

36. "TENISON DEANE, M. D, of San Francisco, California, a representative in good standing of the allopathic school of Medicine, in his remarkable book "The Crime of Vaccination", not only confirms my contention and that of so many others eminent physicians that vaccination is the injection of syphilitic virus in the clean blood of innocent children but also that it is THE CAUSE OF DIPHTHERIA. He is a Police Surgeon, an Ass. Surgeon, S. Fco. Emergency Hospital; an Adjunct to the chair of Surgery, Post: Graduate School of Medicine, University of California, an Assistant at the Skin and Venereal Clinic, S. Fco. Polyclinic, a Professor of Surgery at the Pacific Coast Reguiar College of Medicine, a lecturer on Surgical Pathology and Bacteriology, etc. He is, therefore, one of the Big Guns of the Official Allopathic Medicine of the United States. His attainments entitle him undoubtedly to a respectful hearing from believers in vaccination. His strong statements should brace up the weak-kneed opponents of vaccination and determine them to protect themselves and their families legally but at any cost from the fearful hazards of this unspeakable practice. We are taught by him, and the reader must note, that the immediate effects of vaccination are as nothing compared with the latent and lasting ones."—DR. HENRY LINDLAHR, M.D., D.O.N.D., of Chicago., U.S.A. the author of so many remarkable medical works and the owner and director of two of the largest sanitariums in the United States.

*(To Be Continued)*

## LI STAMPA IMMORALI.

Li stampa għanda jew almenu għandu jcolla missioni nobilissima, li teduca u li televa u li tisviluppa il carattru biex tagħmel cittadini ahjar halli actar jakdu dmirom sewwa lejn Alla, lejn paisom, lejn art twelidom, lejn hutom, lejn il familja tahhom, lejn il barrani, lejn dac ta twemmin u fehma differenti minn tahhom, lejn il collegh: tahhom, u f'chelma wahda lejn cullhadd.

Meta xi *black sheep* ta li Stampa jonkos viljaccament middmir tigħu sacrosant u jcarcar fil ħama mokżież tal immoralità u tal oxxenità il paljazza maħmuġa tigħu, aħna rappresentanti ta li Stampa onesta, educatrici u elevatrici, għandna mux biss niddisprezzawh iżda li niddenunziawh lil Autorità halli dina tieħu il passi necessarii scond il ligi meta dina ma tintebahx jew allahares katt tagħlak għajnejha apposta mhabba fli scopi politici billi il paljazza maħmuġa tcun tal culur taħħom politicu.

Fejn tidħol il moralità, fejn tidħol il corruzion tal klub u ta li mhuh taż-żgħażah u tax-xebbiet tagħna specialment ma għandiex tidħol il politica iżda cullhadd għandu jakdi dmiru sabiex inżommu id-decor ta paisna u ta li Stampa Maltia il fuk u onorat chemm jista icun.

Issa li fost il giornali bil malti għandna almenu wieħed li fih spiss hwejjeġ maħmuġa u li jkażżu, li joffendu il pudur ta min jakrahom, li xi dakkiet icasbar u iżeblah b'mod l'actar viljacc u schifus il gieh ta nisa rispettabilissimi u onoratissimi biss għall odiu baxx u malinn li id-direttur u min ù warajh għandom lejn żwieġom, tant li bosta drabi joħolku minn żniedom calunnii l'actar infami, għideb l'actar sfacciat, insinuazioni l'actar viljacchi u dannusi contra dawc li ma jaħsbux bħalom fil politica jew li ifixclulom il giostra accanita għall Arblu tal Cuccanja tal panjotta corruttrici li sfortunatament daħħlitilna f'paisna il Costituzioni dannusa u ħrafa li għandna, ì haġa magħrufa minn cullhadd.

F'cull cafè li nidħol, f'cull dar li immur, ma cull ma min niltaka ma jchellmunix fuk haġ'oħra hlief fuk dal paljazzi bil malti li kiegħdin mux biss jagħmlu hafna ħsara lill poplu billi jattaccaw b'mod l'actar infami lil min ked jagħmillu tant gid u jakbeż sincerament għalih iżda ucoll billi jattaccaw l'onur ta nisa rispettabili b'mod l'actar vili u baxx u billi jfittxu li ibihu il paljazza mokżieża u corruttrici tagħhom billi jissolleticaw il parti animali, il parti l'actar baxxa u primitiva tal istint uman.

Jena ma ridtx nibda nattacca dana jena stess għax ma ridtx li xihadd jaħseb li jena kiegħed nicteb contra dal paljazzi għall interess personali u mux għall gid u għad-decor ta paisi u ta cullhadd. Jena għall attacchi personali, mimlia għideb u calunnii fuk il hajja domestica u privata tigħi, bla ebda provocazion ta xejn, hadt it-triek li tatini il ligi bill lil tnejn minn dal paljazzi għamiltilom gia tliet libelli u lil paljazza oħra sejjer infarfrila libell ieħor ma ndumx ucoll.

Jena nilka bil ferħa u nibka obligat lil dawc coll'a li serenament, bla velenu personali, bla calunnii u għideb infami, jiccriticaw lili u lil chitba tigħi u anche il condotta tigħi bħala cittadin u professionista u giornalista. Iżda min jiscorri il linia u jidħol fil għalka tal personalità privata u fuk collox jecc jagħmel dana viljaccament bil calunnia u bil għideb infami biex jiżbogħni iswed man-nies tal galbu u biex jagħmilli il ħsara, idur b'rasu u idur b'rasu bl'icreh ICUN MIN ICUN. *Nemo me impune lacessit.*

Lankas jena ma sejjer nippermetti lil xi żinżill chiesah u indigest li għax ma jcollux biex jimla il paljazza tigħu bi hwejjeġ ta fejda u istruttivi u educatrici u elevatrici biex igħin tassew lil dac il haddiem li ua tant jindehes migħu għall scopi personali u li jistkarr li tant ihobb, li jokgħod jittrascina lili u jkegħidni fil berlina taż-żuffiett pubblicu u jingiuriani biss biex dana il buffun jati gost lil ftit pulcinelli oħra bħalu u hafna gost lill għedewwa personali ta dac li tant ked jaħdem għall haddiem u għall partit tal Labor ucoll.

Li wieħed f'mument ecc seriu, ecc tragicu għall paisna, b'tant għacs u miseria, b'tant injoranza u moħkria, jaħli hinu u nifsu, u jisloh is-soldi tal fkar għall csuhat u għaż-żuffiett tannies serii u veri hbieb tal poplu ù delitt li ma għandux jinħafer u jena bi hsiebi nieħu il passi coll'a li tatini il ligi biex dana l'abus jinkata għalia u għall cullħadd.

Aħna għandna bżonn ta stampa seria, ta stampa onesta, stampa li tassew tfittex il veru gid tal poplu u mux tal hmeriet u tal immoralità u taż-żuffiett u tal oxxenità. Għalecc hadt gost hafna dal għodu meta giet f'idejja ic-circolari li hareġ il Vicariu tal Iskof dal ġranet u krajt fiha dawna il chelmiet: "QUALCUNO DI TALI GIORNALI PERFINO SI E' PERMESSO DI RIPORTARE ANCHE QUALCHE ARTICOLO, CHE NOI DENUNZIAMO COME IMMORALE."

Chiecu il Curia semmietu b'ismu chienet tagħmel haġa wisk ahjar biex ma titfa l'ebda ombra u ma ticcagiuna l'ebda dannu materiali u morali lil dawc li ma għandomx ħtia għad li cull hadd jaf lil min ried jattacca il Mons. Camilleri, il Vicariu u Luogotenent tal Iskof, billi il kżież, l'infamia, l'oxxenità u l'immoralità ta dana il giornalaċċ uma magħrufin minn cullhadd. Irrid naħseb li il Curia ma għattietx l'isem ta dina il paljazza mokżieża għall l'ebda fini u culur politicu billi dina il paljazza ì l'acbar għadu ta Lord Strickland u tas-Sinjura rispettabbilissima, onoratissima tigħu, li almenu versu lejha għandu icollna il cortesia tal ospitalità.

Jena jidirli, u f'dac li jirriferixxi għall parti amministrativa tal Curia għandi id-dritt li niccriticaha bħala giornalista onest u indipendenti, li il Curia għamlet ħażin hafna u nakset hafna mil prudenza cbira u mit-tatt fin li għandu jcolla biex ma tnaffarx actar nies contra il Cleru, meta halltet il hass mal basal u għamlet għasida waħda mil giornali coll'a bil malti, tajjbin u ħżiena, onesti jew karrikin.

Il-ligi tal pais ì ciara hafna, daks id-dawl tax-xemx, fuk dana is-soggett, u il Curia imissa tibda tati l'esempiu li tirrispetta il-ligiet tal pais f'loc li issegui procedura oħra li irrid naħseb ma ìx animata minn l'ebda parzialità politica jew ta classi jew ta persuni.

Il-ligi tgħid ciar li min jistampa hwejjeġ immorali għandu jigi ipprocessat u iccondannat u mux li jippredicaw fuku minn fuk il pulpiti bla ma jsemmuh u b'ecc jagħmlu hafna dannu lill giornali l'oħra bil malti li ma għandom ħtia ta xejn anzi li kiegħdin igħallmu u jelevaw il poplu fi stat actar onest u nobbli u galantom, mil għama lil haddiħor hallih fih.

Jecc il Curia ma ìx animata, chif irrid naħseb, minn l'ebda parzialità politica billi dil paljazza ì tal culur ta dawc li maħħom iżżomm il biċċa il cbira tal Cleru, ù dover sacrosant taħha li tiddenunzia bħal ma kiegħed nagħmel jena bħala giornalista u bħala cittadin onest u indipendenti il dana il giornalaċċ lill Pulizia halli dina tibda tipprocedi scond il ligi ta li Stampa, contra dana il corruttur tal moralità pubblica.

Mons. Camilleri chiteb: "*Noi denunziamo come immorale*" l'articolu ta dana il giornalacc u allura id-dover tigħu u tal Pulizia, scond il ligi li jmissom jatu l'ewwel esempiu uma li jirrispettaw, ù li jeħdu il passi legali li tobligaħom il ligi tal pais bla telf ta żmien. Jecc il Curia ma takdix id-dmir taħha chif imissa u toħlok bil procedura falsa taħha confusioni fil moħħ tal publicu b'mod tali li lili tagħmilli ħsara u li tpingili in-NAHLA bħala giornal immorali, billi bħala mictub bil malti ù magħdud mal katta ucoll, jena decis, a qualunque cost u pregiudiziu, li nieħu passi legali per danni contra taħħa u contra cull cappillan u predicatur, li jattacca il giornal tigħi bħala immorali bla ma jagħmel distinzion min uma. Halli cullhadd jeħu li hakku!

Jena nisrani u nisrani sincier u fidil u lest biex immil rasi u nirrispetta il Cnisia u ir-Religion f'dawc li uma questioni fondamentali ta twemmin, iżda f'dawc li huma questioni ta amministrazion u ta procedura jena bħala Cittadin, u bħala Bniedem, u bħala Giornalista ù bħala Raġel bi hsiebi niddefendi l'onur, id-dinjità u l'interessi tigħi sa l'aħħar katra demm ħamra li għandi tiġri fil vini Maltin tigħi u sa l'aħħar sold li għandi.

Il Vicariu meta xi giornalista jisbalja, bħal ma jisbalja cullhadd fid-dinja u bħal ma jisbaljaw x'uħud mil Cleru ucoll billi ulied Adam u Eva bħalna, imissu isejjaħlu u jammonih u jatih id-dritt sacrosant tad-difisa u ta li spiegazion għax forsi icun iccalunniat mil għedewwa tigħu; imbagħad jecc ma jobdix f'dac li ù fondamentali għat-twemmin jiddenunziah b'ismu u jeħu contra tigħu il passi legali li tatih il ligi u li jmissu jirrispetta ua ucoll u mux isegui procedura imprudenti, vaga, u dannusa li tagħmel ħsara lil cullhadd. Irrid nibda biex nistaksih u nitma li ta onest u gintlom li ua, Mons. Camilleri, jirrispondini: "L'articolu li għedt li ù immorali sibtu fin-NAHLA" tigħi? Iva jew le? Il "Hmar" chiteb fuk dan bħalna ucoll.

Li chien awn l'Iskof ma chienx icun emm bżonn dana.

